- ***ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –***
- ***ARTIKOLU 19 (1) (D) TAL-KAP 255 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju, 2002**

**Kawza Numru: 51**
**Citazzjoni Numru: 1506/01/RCP**

**Marco Tanti.**

**vs.**

**Catherine Azzopardi mart Marco Tanti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-30 ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) fil-Knisja tal-Buon Pastur, Hal Balzan skond ma kif

jirrizulta mill-anness certifikat hawn mehmuz markat Dok "A";

Illi l-kunsens taz-zewg partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) Kap 255 tal--Ligijiet ta Malta;**

Illi inoltre l-kunsens taz-zewg kontendenti kien fil-mument taz-zwieg ivvizzjat *stante* li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta Malta;**

Illi inoltre l-istess kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat *stante* li fil-mument taz-zwieg ma kellhomx setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Marzu tas-sena 2000 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Illi l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-30 ta Marzu 2000 huwa null u bla ebda effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ngunta personalment biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici personalment fit-8 ta' Jannar 2002 u li ma pprezentat ebda nota ta' eccezzjonijiet u kwindi hija kontumaci;

Rat in-nota ta' l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu u ta' ommu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2002 fejn Dr. Raphael Fenech Adami ghall-attur prezenti ddikkjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.</u>

Illi l-attur fil-premessi tieghu qed jitlob li z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta fit-30 ta' Marzu 2000 jigi dikjarat null peress li l-kunsens taz-zewg partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; kif ukoll kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; kif ukoll kien vizzjat *stante* li ma kellhomx setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghall-istess zwieg.

Illi dawn it-tliet premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19(1)(d), u/jew (f), u/jew (h) tal-Kap 255** tal-**Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi dan l-artikolu jghid illi:-

*19. (1) "B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

*(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet*

*intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f'dak iz-zwieg, u din id-disposizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi disposizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f'xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kondizzjoni ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta".*

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenuta hija kontumaci din il-Qorti xorta hi obbligata tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dan qed jinghad peress li z-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 [2] Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub

(“**Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri” -** Cit. Nru. 1264/94 P.A. (VDG) 3 ta’ Ottubru 1995 ).

Illi dwar l-ewwel difett l-attur qed jikkontendi li kellu meta ikkontratta z-zwieg mal-konvenuta. Dan huwa dak li hemm fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cioe`:

*19. (1) B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”;*

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**“Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**” – P.A. (VDG) tal-25 ta’ Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (**Pompedda**, M.F., **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-

sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara,* ***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri****, P.A., 10 ta' Novembru 1995). "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (**"*Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"*Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"***, P.A., 3 ta' Gunju 1998; ***"Roseanne Cassar v.***

***Kenneth Cassar"***, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u ***"Carmelo Grima v. Mary Andrews"***, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (**Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter*

*contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (**Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico:**

**Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' **Viladrich** :-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (**Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li,

independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-**Bersini**, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (**Viladrich, P.J.,** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

## III. <u>PROVI U APPREZZAMENT TAL-ISTESS.</u>

Illi l-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Huwa xehed li meta sar jaf lill-konvenuta l-ewwel darba hija kienet gharusa ma' certu Owen Borg li kien jigi hu l-gharus t'ohtu. Illi meta ratu f'xi okkazzjoni socjali bdiet tibghat ghalih. Peress illi hija kienet tinteressah bdew johorgu flimkien ghalkemm hi kienet ghadha qed tohrog ukoll ma' Owen Borg. Din is-sitwazzjoni damet ghal madwar tliet xhur sakemm dan Borg induna u telaqha. Damu johorgu flimkien ghal madwar tlett snin u huma gieli kienu johorgu wahedhom u gieli mal-kugini tieghu.

Illi huwa kompla jghid li sa qabel iz-zwieg kien innota li l-konvenuta kellha kunfidenza daqsxejn zejda ma' kuginuh Charles Farrugia izda minhabba li kellu hbiberija stretta mieghu ma kienx jaghti wisq kaz. Illi pero' wara z-zwieg din il-hbiberija telghet aktar fil-wicc u ssir b'mod aktar sfaccat. Kien beda jghaddi ghaliha, jiffrekwenta d-dar konjugali

taghhom u anki jorqod ghandhom. Fil-bidu ma kellux hsibijiet hziena peress li kien jafdah izda wara beda jissoponi x'kien qed isir wara daru. Fil-fatt martu kienet tghidlu li jekk tispicca minn mieghu kienet se tmur ma' Farrugia kif fil-fatt gara ghax illum qed tohrog mieghu.

Illi l-attur kompla li qabel iz-zwieg kienu jitkellmu li xtaqu t-tfal mill-ewwel, izda wara z-zwieg id-diskors inbidel u bdiet iggib hafna skuzi fosthom li l-genituri taghha ma riduhiex ikollha tfal ghalissa u kienet se tipprova ghat-tfal kif missierha jtiha l-kunsens. Sussegwentement irnexxielu jikkonvinciha u nqabdet tqila. Wara xi xahar u nofs tqala, meta huwa kien imsiefer, tilfet it-tarbija. Wara dan ma riditx taf aktar bih u wisq anqas bi tfal. Qaltlu li qatt ma riedet li jkollha u dan kien kagun ta' hafna nkwiet bejniethom sakemm waslu biex isseparaw ftit anqas minn sena u nofs wara z-zwieg.

Illi huwa qal ukoll li ftit kienu jqattghu hin id-dar jitkellmu u jaqsmu l-hajja taghhom flimkien bhala koppja mizzewga. Hija ma kienitx tkun trid toqghod id-dar wahedha u kienet tqatta' l-gurnata kollha fejn iz-zwiemel fl-istalel ta' missieru; filghaxija kienu jieklu ghand ommu u mbaghad imorru d-dar biex jorqdu. Fil-*weekends* imbaghad hija kienet tkun trid tohrog Paceville sa tard bil-lejl. Dan l-atteggament wassalhom biex bdew jahsbu ghal rashom u ma jimpurathomx minn xulxin. Sahansitra li meta lanqas kienu ghadhom biss sena mizzewgin bdew jorqdu ghal rashom.

Illi meta l-genituri tieghu ppruvaw jirrangaw id-differenzi bejniethom il-konvenuta ma riedet taf b'xejn anzi qalet li mhux talli ma kellha l-ebda mhabba lejh izda kellha sentimenti ta' hdura fil-konfront tieghu.

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu huwa qal li t-tnejn li huma kienu jemmnu li fih setghu jinhallu minnu b'certa facilita' f'kaz li ma kienux jaqblu ma' xulxin u ftit li xejn kienu jemmnu kemm fil-monogamija kif ukoll fl-indissolubilita' taz-zwieg. Ghalihom iz-zwieg kien biex jifformalizzaw l-istat ta' namrar taghhom u jmorru jghixu flimkien taht saqaf wiehed halli jhossuhom liberi minghajr indhil tal-familjari taghhom.

Illi xehdet ukoll omm l-attur **Margaret Tanti**. Hija qalet li kienet ilha taf lill-konvenuta minn qabel ma bdiet tohrog ma' binha u kienet qed tohrog ma' Owen Borg. Hija kienet innotat li meta kienet qed tohrog ma' dan Owen kellha kunfidenzi zejda ma' binha u dan kien isir quddiem ghajnejha.

Illi semmiet li meta l-konvenuta kienet qed tohrog ma' binha darba dahlet fil-kamra tas-subien go darha u ratha ticcajta zzejjed mal-kugin Charles Farrugia u Jason Sammut fuq sodda minnhom. Hija ma kienet qalet xejn lil binha biex ma jinqalax inkwiet. Dejjem kienet tinnota li kien hemm kunfidenza zejda bejn Charles Farrugia u l-konvenuta pero' qatt ma basret li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet serja.

Illi meta binha ssepara Charles Farrugia kien ghadu jahdem fl-istalel taghhom izda gimgha biss wara li l-attur spicca minn ma' martu, Farrugia telaq u saret taf li beda johrog fil-berah mal-konvenuta. Ix-xhud xehdet ukoll illi gieli semghet tghid lill-konvenuta tistqarr ma' binha li hi ma rieditx tfal minghandu u *"kienet tinkieh li qabel ma' jaghmel id-dieta ma kienitx ser thallih ikollu x'jaqsam maghha."* Kienet tghidlu li hi ma kienitx thobb lil Marco tal-lum izda lil dak li kienet iltaqghet mieghu fil-bidu.

Illi meta kien inqala' l-inkwiet bejniethom xi sena wara z-zwieg ix-xhud kellmet lill-konvenuta biex tipprova tirranghom, izda din qaltilha li ma rieditx taf bih, li ma kienitx thobbu u li fil-konfront tieghu kellha biss sentimenti ta' hdura. Minn dak iz-zmien il-konvenuta bdiet tohrog fil-berah ma' Charles Farrugia u bdiet tidhol ghand il-genituri tieghu qisha l-gharusa tieghu. Ix-xhud spiccat ix-xhieda taghha billi qalet li l-konvenuta mill-ewwel qaltilha li ma kienx hemm tama ghal binha peress li qatt ma kienet thobbu tassew u li kienet ser tipprova ggib l-annullament ghax hi kienet qed tohrog ma' Farrugia bis-serjeta' u xtaqet tizzewgu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li mix-xhieda prodotta li l-kojugi Tanti meta zzewgu dahlu ghaz-zwieg b'mod legger ghall-ahhar minghajr ma kienu konxji ghar-responsabbilitajiet, obbligi u dmirijiet li jikkomporta mieghu.

Infatti l-ewwel nuqqas ta' maturita' li deher fiz-zewg partijiet huwa l-fatt li sahansitra ghalkemm il-konvenuta kienet gharusa huma damu tliet xhur johorgu flimkien bil-mohbi sakemm inqabdu. Minn hemmhekk komplew flimkien sakemm madwar tliet snin wara zzewgu. Mix-xhieda ta' l-attur innifsu rrizulta li l-konvenuta sa minn qabel iz-zwieg kellha kunfidenzi zejda diga' ma' Charles Farrugia. *Nonostante* dan kollu l-attur injora kollox u baqa' maghha - fatt li juri wkoll nuqqas ta' maturita' min-naha ta' l-attur ghal dak li hi ghazla ghaqlija. Irrizulta mill-komportament globali tal-konvenuta, kif deskritt mill-attur u minn ommu, li certament hija ma kienitx disposta terfa' r-responsabbiltajiet li jgib mieghu z-zwieg – anzi ma kienitx taf x'inhuma. Hija ma kienitx interessata f'dik li tissejjah il-komunjoni taz-zwieg ghax infatti sa mill-bidu taz-zwieg kienet taghmel gurnata shiha fl-istalel ta' missier l-attur hdejn iz-zwiemel, filghaxija jieklu ghand ommu u jmorru d-dar biss biex jorqdu. Jidher li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejniethom u hija kienet mohha biex tohrog u tgawdi. Hawnhekk jinghad pero' li l-attur ma tantx jidher li ghamel sforz biex jirranga s-sitwazzjoni min-naha tieghu.

Illi minn dan kollu jidher li huwa cert li ghall-konvenuta z-zwieg mhux istitut indissolubbli u monogamu tant li huwa evidenti li kellha relazzjoni ma' Farrugia waqt iz-zwieg b'mod li kif spiccat minn ma' l-attur bdiet tohrog ma' Farrugia fil-berah ftit biss wara u rrizulta li certa hbiberija zejda kienet tezisti anki qabel ma kienet izzewget lill-istess attur.

Illi ghalhekk jinghad li l-kontendenti ghamlu dan il-pass taz-zwieg bla ebda kont u mill-provi fuq indikati juri li l-istess kontendenti zzewgu ghal ragunijet ghal kollox inkompatibbli mal-istitut taz-zwieg, u li inoltre' dan il-pass ittiehed minhabba n-nuqqas ta' resposabbilita' mmanifestata fl-immaturita' rispettiva taz-zewg partijiet.

Illi dan qed jinghad fil-kuntest ta' dak li gie ritenut fis-sentenzi fuq citati nkluza dik fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi inoltre l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi f'dan il-kuntest jidher li mill-provi l-partijiet assolutament ma fehmux x'inhuma l-obbligi w id-dmirijiet taghhom meta dahlu ghar-rabta taz-zwieg. In-nuqqas ta' interess li l-konvenuta kompliet turi lejn l-attur juri bl-izjed mod car illi hija ma kellhiexl-intenzjoni li tikkreja kommunjoni u nukleju familjari. Mhux talli l-konvenuta ma fehmitx x'inhuma l-obbligi taghha versu l-attur, izda kienet tghix biss ghaliha innifisha. Donnu fl-attegament taghha l-konvenuta ghamlet minn kollox biex proprju tkisser il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u l-*benessere* fil-familja. Minn naha tieghu l-attur jidher li ma ghamel xejn u baqa' jinjora dak li kien qed jara b'ghajnejh, u anke l-hbiberija li l-istess konvenuta kellha ma terzi, kemm qabel u wara z-zwieg, kienu qishom ma jezistux ghalih, proprju ghaliex l-attur jidher li hares lejn iz-zwieg bhala haga li tista' tidhol u tohrog minnha meta trid, bla ebda konsegwenzi ta' xejn.

Illi minn dan kollu jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-fatti fuq indikati u hekk pruvati jinkwadraw ruhhom fejn il-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha (**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255**).

Illi *stante* l-premess din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fuq lanjanzi ohra allegati mill-attur *ai termini* tal-**Artikoli 19 (1) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta **tilqa' t-talba attrici** b'dan li :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju, 2002.**